# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

**Illum, il-Hamis 26 t'April, 2001.**

**Kawza Nru. 49.**
**Citazz. Nru. 1086/00 JRM**

**KORORAZZJONI ghal ZVILUPP ta' MALTA**

**-vs**

**MALTA INTERNATIONAL FOODS LIMITED**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fit-30 ta' Mejju, 2000, li bih il-Korporazzjoni attrici ppremettiet:

Illi permezz ta' letter of intent li ggib id-data tal-5 ta' Dicembru, 1990 (Dokument "A"), il-Korporazzjoni attrici kienet allokat lis-socjeta' konvenuta ghall-perjodu totali ta' sittax (16)-il sena l-okkupazzjoni tal-fabbrika RL22B, Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara, liema fabbrika ghandha l-kejl superficjali ta' elf, mitejn u hamsin (1,250) metru kwadru;

Illi skond l-istess ittra ta' allokazzjoni (Dokument "A"), is-socjeta' konvenuta kienet tenuta li thallas ghall-okkupazzjoni ta' l-istess fabbrika s-somma ta' elfejn, mija u sebgha u tmenin liri maltin u hamsin centezmu (Lm2,187.50,0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-ewwel tlett (3) snin u s-somma ta' tlett elef, seba' mija u hamsin lira maltin (Lm3,750.00,0) fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem ghall-perjodu tat-tlettax (13)-il sena rimanenti;

Illi minekjja li giet interpellata f'diversi okkazjonijiet, anke ufficjalment (Dokumenti "B" sa' "E") biex thallas lill-Korporazzjoni attrici il-kumpens dovut ghall-okkupazzjoni tramite likwidazzjoni, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk il-Korporazzjoni attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tillikwida l-kumpens dovut li ghandu jithallas mis-socjeta' konvenuta lill-Korporazzjoni attrici ghall-okkupazzjoni tal-fabbrika RL22B, Ricasoli Industrial Estate, limiti tal-Kalkara sat-30 ta' Gunju, 2000 u dan skond il-prospett anness ma' din ic-citazzjoni u mmarkat bhala dokument "F";

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma hekk likwidata in linea ta' kumpens;

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali (Dokument "B" sa "E") u tal-mandat ta' qbid li qed jigi pprezentat

kontestwalment ma' din ic-citazzjoni kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Korporazzjoni attrici, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat idDegriet ta' din ilQorti (diversament presjeduta) tat2 t'Awissu, 2000, fuq talba tal-Korporazzjoni attrici li bih awtgorizzat in- notifika tal-kum pannija mharrka bilpubbli kazzjoni fil-Gazxzetta tal-Gvern u f'gurnal lokali;

Rat illi l-kumpannija mharrka, notifikata kif imiss bil-procedura fuq imsemmija skond l-imsemmi Degriet, naqset li tressaq nota ta' eccezzjonijiet jew li tidher biex tikkontesta t-talbiet attrici kull meta l-kawza ssejhet u ghalhekk baqghet kontumaci;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-Korporazzjoni attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-Degriet taghha tat-8 ta' Marzu, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-Korporazzjoni attrici ressqet din il-kawza biex titlob li l-kumpannija mharrka thallasha l-kumpens miftiehem ghall-okkupazzjoni ta' fabbrika fil-Qasam Industrijali ta' Rikasli, skond ftehim maghmul f'ittra ta' allokazzjoni datata 5 ta' Dicembru, 1990;

Illi l-kundizzjonijiet tal-allokazzjoni tas-sit lill-istess kumpannija mharrka, fosthom il-kumpens li kellu jithallas kull sena, huma mfissrin fl-imsemmija ittra ta' allokazzjoni;

Illi, mill-provi mressqa, jidher li l-kumpannija mharrka bdiet tokkupa l-fabbrika b'effett mill-ewwel ta' Jannar tal-1993;

Illi jirrisulta li f'xi zmien wara l-1995, il-kumpannija mharrka bdiet tonqos mill-hlas tal-kumpens ta' l-allokazzjoni maghmula lilha u, kif jidher mid-Dokument "F" (pagna 14 tal-process) m'ghamlet l-ebda hlas iehor wara Settembru ta' dik is-sena;

Illi l-attrici jidher li talbet izjed minn darba lill-kumpannija mharrka biex thallas, ukoll permezz ta' ittri ufficjali. Ghalkem mill-kopji esebiti (li tnejn minnhom, Dokumenti "C" u "D", huma l-istess) ma jidhirx jekk il-kumpannija mharrka gietx notifikata b'dawk l-ittri ufficjali, johrog car li l-istess kumpannija kienet konsistentement qeghda tonqos milli twettaq l-obbligu taghha li thallas fiz-zmien miftiehem il-kumpens minnha dovut;

Illi meta wiehed iqabbel il-kundizzjonijiet tal-allokazzjoni ma' dak li hemm imnizzel fil-prospett Dokument "F", isib li, sal-waqt li nbdiet il-kawza, kien hemm dovuti mill-kumpannija mharrka arretrati ghal zmien erba' snin u nofs, jigifieri s-somma ta' Lm16,875;

Illi, fil-fatt, mnhabba li, fl-ahhar hlas li l-kumpannija mharrka wettqet kienet hallset ftit izjed minn kemm kien dovut sa dak iz-zmien, il-bilanc risultanti dovut lill-Korporazzjoni attrici jidher li jammonta ghal sittax-il elf, tmien mija u disgha u hamsin lira maltin (Lm16,859);

Illi kull dokument imsemmi gie konfermat u mahluf;

Ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, fil-kontumacja tal-kumpannija mharrka:

**Ghall-finijiet tal-ewwel talba attrici**, tillikwida l-ammont ta' kumpens ghall-okkupazzjoni dovut mill-kumpannija mharrka fis-

somma ta’ sittax-il elf, tmien mija u disgha u hamsin lira maltija (Lm16,859); u

**Tilqa’ t-tieni talba** billi tikkundanna lill-istess kumpannija mharrka li thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm16,859 fuq imsemmija bhala kumpens.

L-ispejjez u l-imghaxijiet dekorribbli fuq is-somma hekk likwidata mid-data ta’ din is-sentenza sal-jum tal-hlas effettiv, jithallsu mill-kumpannija mharrka.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**26 t’April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 t’April, 2001.**